MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Numru. 1001/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Martin Sammut)**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**ABDELSALAM M.N. HASSIN ta' 30 sena iben Mohammed Muri u Fathia Abdul Hamid, imwieled Zaliten, Libya fl-1980 u residenti gewwa l-Habs Civili ta' Kordin detentur ta' passaport Libjan bin- numru 249133**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Abdelsalam M.N. Hassin fejn huwa gie akkuzat talli fil-15 ta' Ottubru, 2008, bejn it-tlieta u nofs u l-erbgha u nofs ta' fil-ghodu (3:30am u 4:30am) f'San Giljan:

1. Bi hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li bi vjolenza jikkometti stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ Denise Ann Agius, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;
2. Bla ordni skond il-ligi ta’l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Denise Ann Agius kontra l-volonta’ taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u li b’liema zamma jew sekwestru Denise Ann Agius giet offiza fuq il-persuna taghha;
3. Bi vjolenza ikkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ Denise Ann Agius;
4. Uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Denise Ann Agius taghmel xi haga kontra l-volonta taghha;
5. Ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Denise Ann Agius;
6. Offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tat-13 ta’ Awissu 2009.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi irrizulta mill-kors tat-trattazzjoni ta’ dina l-kawza illi l-imputat ma kienx qed jkkontesta l-fatti kif esposti minn naha tal-prosekuzzjoni. Jidher madanakollu illi hemm kontestazzjoni mill-imputat dwar l-ewwel akkuza u cioe’ dwar it-tentattiv min-naha tieghu illi jikkometti stupru fuq il-persuna tal-parti leza Denise Anne Agius. Mill-gbir tal-provi hareg illi fil-lejla ta’ bejn l-14 u il-15 ta’ Ottubru, 2008,

ghal habta tas-saghtejn u nofs, it-tlieta ta’ fil-ghodu l-imputat u l-allegata vittma Denise Agius iltaqghu Paceville. Jidher illi qabel ma telghet Paceville, Agius kienet fil-kumpanija ta’ certu Alex Aloisio u mieghu kienet qattghet xi sighat gewwa il-bar bl-isem Saddles gewwa San Giljan. Hemmhekk jidher illi Agius ikkunsmat xorb alkoholiku. Iktar tard hi u Aloisio iddecidew li jitilghu lejn Paceville. Dana kien ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ fil-ghodu. Telghu bil-vettura ta’ Aloisio, u hu waqqaf lil Agius Paceville, u mar ifittex post fejn jipparkja il-vettura tieghu. Agius baqghet sejra f’xi bars, izda Aloisio wara ftit tfacca u qalilha li kellu il-karozza fin-nofs, ma setax isib parkegg u ghalhekk kien ser jibqa’ sejjer id-dar. Agius qaltlu li kienet ser tibqa’ ftit iehor Paceville, imbaghad kienet ser timxiha lura id-dar peress illi hija kienet toqghod fil-vicin gewwa San Giljan, ezattament wara il-bar tas-Saddles. Waqt li kienet gewwa il-bar bl-isem Plush tghid illi avvicinaha l-imputat u hija gharfitu peress illi kienet diga kellmitu f’xi okkazzjoni precedenti. Huma hadu xi drink flimkien u min hawnhekk huma bdew jimxu minn bar ghall-iehor, marru il-Fuego, regghu marru Plush kif ukoll marru fil-bar bl-isem Browns. Illi dana kollu sehh f’temp ta’ xi siegha. Jidher illi l-imputat u Agius regghu hadu xi drinks u waqt li kienu fil-kumpanija ta’ xulxin, l-imputat beda jaghmel xi avvanzi lil Agius fis-sens illi beda ibusha, bdew jizfnu flimkien u anke kif tghid Agius stess f’xi hin refaghha, izda hija talbitu inizzilha u bdiet ticcajtha mieghu. Illi l-imputat ighid illi kien hemm xi intimita sesswali bejniethom li ghalkemm michuda minn Agius, madanakollu irrizulta anke mix-xhieda taghha stess illi kien hemm xi kunfidenzi bejniethom. Fil-fatt anke mill-estratt tac-CCTV li ingibed barra il-bar tal-Fuego, l-imputat u Agius jidhru qeghdin jizfnu kif jikkonfermaw it-tnejn li huma kemm Agius fix-xhieda taghha, kif ukoll l-imputat fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu.

Illi ma hemmx dubbju illi Agius kienet xorbot mhux hazin f’dik il-lejla u ghalhekk ma ghandhiex stampa cara ta’ dak li sehh bejniethom. Madanakollu hija tghid illi meta l-imputat stedina biex tmur ghandu gewwa il-flat tieghu is-Swieqi hija irrifjutat. Irrifjutat ukoll meta l-imputat isuggerielha illi imorru fl-apparatment taghha f’San Giljan,

ghalkemm tghid illi fl-ebda hin l-imputat ma semma il-kelma sess. Madanakollu ma hemmx dubbju illi f'dana il-mument l-intenzjonijiet ta'l-imputat kienu cari u cioe' illi huwa xtaq ikollu x'jaqsam sesswalment ma' Agius. X'aktarx li kien dana il-messagg li l-imputat fehem illi Agius kienet qed tghaddielu meta kienu ghaddew certu kunfidenzi bejniethom. F'dana il-mument madanakollu jidher illi Agius dan ma xtaqitux. Fil-fatt hija wriet bic-car l-intenzjoni taghha ma'l-imputat meta qaltlu espressament li xtaqet tmur lejn id-dar. Ghalhekk huwa mexa maghha sa hdejn il-kantuniera fejn hemm ir-restaurant bl-isem "Bloomers" u hemmhekk hija qaltlu li ma kellux ghalfejn jibqa' jimxi maghha u seta jaqbad triqtu lejn is-Swieqi fejn kien joqghod. Hawnhekk l-imputat ma riedx jaccetta dana u ghalhekk baqa' jinsisti maghha li jibqa' fil-kumpanija taghha. Meta imbaghad Agius wrietu illi ma xtaqitx dana, allura imbaghad l-imputat iddecieda li jiehu dak li ried minn jeddu u minghajr il-kunsens taghha. Hawnhekk huwa agredixxa lil Agius, medda ma'l-art nehhielha hwejjigha minn qaddha 'il isfel, nizzel il-qalziet tieghu u dana sabiex jaghmel dak illi xtaq minghajr il-kunsens taghha. Minn hawnhekk madanakollu Agius ma tiftakar xejn iktar u ghalhekk ma kenitx f'posizzjoni tghid jekk hija gietx stuprata jew le.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu fil-kors ta'l-investigazzjonijiet tal-pulizija, huwa jinnega dana kollu izda ighid illi meta waslu hdejn il-"Bloomers", huwa ried jaqbad taxi sabiex imorru fl-appartament tieghu gewwa is-Swieqi ghaliex ighid illi Agius kienet accettat li tmur mieghu, izda ma kellux flus bizzejjed biex ihallas it-taxi. Ghalhekk dar fuq Agius u talabha xi flus, u hawnhekk jallega illi Agius tghatu daqqa ta' harta. Huwa dar fuqha u fajjrilha xi daqqiet ukoll u b'hekk jghid li spiccaw iggieldu. Jichad illi b'xi mod huwa ipprova ikollu x 'jaqsam maghha sesswalment.[1] Illi minghajr tlaqliq il-Qorti tistqarr illi dina l-verzjoni moghtija mill-imputat ma hijiex wahda kredibbli. Ma jaghmilx sens illi Agius kellha taggredixxi hi lill-imputat minghajr l-ebda raguni u illi fil-kors ta' dina l-allegata glieda hija spiccat

[1] Ara stqarrijiet Dokument LC1 u LC2 a fol.120 u 123 tal-process.

minghajr hwejjeg minn qaddha ‘il isfel! Il-verzjoni moghtija minn Agius taghmel iktar sens u hija wahda aktar kredibbli. Li gara kien illi s-sinjali li ghaddietlu Agius involontarjament f’dik il-lejla, peress illi hija kienet taht l-influwenza tal-alkohol, infthiemu hazin mill-imputat li imbaghad meta Agius irrifjutat taghmel dak li xtaq hu u cioe’ illi ikollha x’taqsam sesswalment ma’l-imputat huwa ma accettax dana r-rifjut. Dana huwa koroborrat mid-diversi griehi li Agius kellha fuq wiccha fuq sidirha minn fejn jirrizulta dak allegat minnha illi hija qalet swat kbir u kontinwi mill-imputat.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’mod ewlieni bl-attentat ta’ stupru fuq il-persuna ta’ Denise Anne Agius u dana huwa rifless fin-nota ta’ rinviju ta’l-Avukat Generali fejn l-ewwel artikoli tal-ligi indikati huma l-artikolu 41 u l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-elementi legali li jikkostistwixxu r-reat ta’l-isturpru huma tnejn u cioe’ irid ikun hemm il-kongungiment karnali u dana irid isir bi vjolenza u ghalhekk minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appeli Kriminali, Appell numru 51/2003 deciz fl-4 ta’ Settembru 2003 gie deciz madanakollu: “Biex ikun hemm ir-reat ta’ stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha, w l-icken bidu ta’ konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jisussisti r-reat.” Illi f’dana il-kaz ghalkemm ma kienx hemm evidenza ta’ penetrazzjoni, izda sinjali biss ta’ tbaghbis, l-Qorti xorta wahda sabet lill-persuna akkuzata hatja ta’ tentattiv ta’ stupru.

Issa fil-kaz in dizamina l-imputat jinsab akkuzat bl-attentat ta’l-istupru. Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta’ reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: “Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b’atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi. … jekk id-delitt ma jkunx gie esewit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena

ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi".

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.
4. In-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba li l-hati ikun waqaf minn rajh.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx tgha bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

**"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."**

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta’ dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

**“So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.”**

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura deciza fl-10 ta’ Gunju 2002 jinghad:

**“Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta’l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta’ demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. … Fil-fatt, pero’, il-Qrati taghna, qatt ma intrabtu ma’ xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista’ tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta’ il-linja ta’ demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista’ aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-**

**analizi tal-fatti li jkunu rrizultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari. Din il-linja ta' pratticita' giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:**

***'Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l-insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecuttivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e' messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e' "propria" di cisacun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'inizio e pone in essere l'atto esecutivo.***'

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista jisussiti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa ikollu l-impunita' u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Ighid il-Professur Mamo: **"The law is satisfied if the desistance is volontary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies indipendent of his will. … The concept of volontary desistance includes both the forebearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already done or to prevent their effects."**

Illi fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju l-Avukat Generali ma jindikax taht liema sub-inciz ta' dana l-artikolu tal-ligi tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat. Il-Qorti ghalhekk sejra tanalizza l-atti maghmula mill-imputat fil-mument li l-vittma giet aggredita u il-provi li ghandha

quddiema il-Qorti f'dana il-kaz sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm l-attentat ta'l-istupru u jekk fil-affermattiv liema sub-inciz ta'l-artikolu 41 ghandu isib applikazzjoni f'dana il-kaz.

Illi l-vittma Denise Anne Agius fix-xhieda taghha taghti s-segwenti iter ta' kif sehhew il-fatti fil-mument li giet aggredita mill-imputat.[2] Is-sekwenza ta'l-atti maghmula mill-imputat kif tixhed Agius kienu is-segwenti:

1. L-ewwel l-imputat li kien miexi biswit Agius jaqsam ghal quddiemha.
2. Isabbatha ma'l-art
3. Jaghtiha daqqiet ta' ponn
4. Ikaxkarha
5. Jerga' jaghtiha daqqiet ta' ponn u jaghtiha bis-sieq
6. Hija tipprova tqum f'dana il-punt
7. L-imputat ikaxkarha mill-qalziet.
8. Hija terga taqa' lura
9. Inezzalha il-qalziet u il-qalziet ta' taht.
10. Hija terga' tipprova tqum
11. Jerga' inizzilha b'daqqiet ta' sieq.
12. Kif terga tipprova tqum Agius tinnota illi l-imputat kien nizzel il-qalziet tieghu.
13. Jerga' jaghtiha bil-ponn fuq wiccha.
14. Issa jitla' fuqha.
15. Hi tipprova titla' il fuq.
16. Jaghtiha iktar daqqiet u tintilef minn sensieha.
17. Meta terga' tigi f'sensieha tarah qieghed jirranga hwejjgu, hija tqum u titlaq tigri.
18. Ghal xi hin tarah qed isegwieha.

Illi mill-provi mressqa permezz ta'l-ezamijiet medici maghmula mill-esperti tal-Qorti jirrizulta illi ma instab l-ebda likwidu seminali fuq l-oggetti elevati mill-ufficjali investigattivi u mill-*vaginal swabs* mehuda minn fuq il-vittma Denise Anne Agius. Illi l-esperta serologista Dr. Marisa Cassar fir-rapport taghha tghid: "Il-kampjuni gew ezaminati ghall-presenza ta' *acid phosphatase* sustanza li wiehed isib f'koncentrazzjoni qawwija fil-likwidu seminali.

[2] Ara xhieda ta' Denise Anne Agius a fols 9 sa 54 tal-process

Il-kampjuni analizzati kollha tghaw rizultat negattiv ghall-presenza ta' acid phosphatase." Dana ma ifissirx madanakollu illi ma kienx hemm xi forma ta' kongungiment karnali. Illi mill-ezamijiet medici li saru mill-esperta ginekologa Dr. Isabelle Saliba, kif ukoll mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri irrizulta illi fost id-diversi griehi li kellha Agius f'wiccha f'sidirha, f'daharha konsistenti f'abrazjonijiet u tbengil, hija kellha ukoll slieh fuq in-naha ta' barra tal-parti taghha. ***"On examination of the vulva there was abrasion on the medial aspect of the right labia minora and at the introitus."***[3] Dawn il-griehi kienu griehi friski u ghalhekk iwasslu lil dina l-Qort ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi kien hemm bidu ta' konnessjoni karnali tant illi kien hemm slieh anke fuq il-*vaginal orifice* jew inkella 'l hekk imsejjha *inroitus* jew *vaginal opening*.

Illi ghalhekk meta wiehed iqabbel is-sekwenza tal-fatti kif esposti iktar 'il fuq u il-konkluzjonijiet medikolegali, l-Qorti hija tal-fehma illi:

1. L-imputat wera l-intenzjoni tieghu bic-car illi jkollu atti sesswali mal-vittma.
2. Kien hemm l-atti preparatorji u cioe' l-atti li wasslu lill-imputat imidd fl-art lil Agius sabiex jasal ghall-intenzjoni tieghu.
3. Il-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt u dana meta l-imputat inezza il-hwejjeg tal-vittma, jinza il-hwejjeg tieghu, jitla' fuqha kif tixhed l-vittma u sussegwentment ikun hemm kuntatt karnali kif jixhdu ir-rapporti medici u dana kontra il-volonta tal-vittma.

Illi l-abbli difensur ta'l-imputat jikkontendi madanakollu illi ma hemm l-ebda prova fl-atti processwali illi d-delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga indipendenti mill-volonta ta'l-imputat jew inkella jekk dana sehhx minn rajh. Illi l-Qorti hawnhekk taghtih ragun. Dana peress illi l-vittma ma tiftakar xejn minn dak li sehh minhabba illi l-imputat tant sawwatha illi hija ghal xi hin intilfet minn sensieha. Madanakollu hija tiftakar illi meta bdiet tigi f'sensieha hija

[3] Ara Dokument IS a fol.75

rat lill-imputat qed jirranga hwejjgu u illi hija irnexxielha tqum u titlaq tigri. Tghid ukoll illi ghal xi hin hija rat lill-imputat qieghed isegwiha. Hija isosstni ukoll illi meta kienet qed tigri ma kienx hemm nies ohra fit-triq.[4] Dana kollu jipponta lejn direzzjoni wahda u cioe' illi l-imputat iddesista mill-azzjonijiet tieghu minn jeddu u ghalhekk l-imputat ghandu igawdi mill-impunita' dettat fl-artikolu 41(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jehel il-piena ghal dawk l-azzjonijiet illi ghamel li jikkostotwixxu delitt skond il-ligi. Dawna certament huma l-offiza volontarja fuq il-persuna ta' Denise Anne Agius fejn huwa ikkagunalha griehi ta' natura hafifa l-artikolu 221(1), is-sekwestru tal-persuna ta' Denise Anne Agius a tenur ta'l-artikolu 86 u 87( c) u (f) , l-attentat vjolenti fuq il-pudur ta'l-istess Denise Anne Agius a tenur ta'l-artikolu 206 , l-offiza tal-morali u l-pudur a tenur ta'l-artikoli 209 , u ta' vjolenza kontra il-privat a tenur ta'l-artikolu 251(1), tal-Kodici Kriminali liema akkuzi ma humiex qed jigu ikkontestati mid-difiza u liema akkuzi huma indikati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Illi minghajr dubbju hawnhekk hawn il-konkors tar-reati a tenur ta'l-artikolu 17(h) u dana peress illi l-kummissjoni tar-reati huma mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat ta'l-attentat ta'l-isturpru u ghalhekk il-Qorti ser taghti il-piena ghar-reat l-iktar gravi u cioe' is-sekwestru jew l-arrest kontra il-ligi.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-vjolenza estrema li intuzat fil-kummissjoni tar-reat, li seta' kellu konsegwenzi iktar gravi, u l-fatt illi l-imputat abbuza mill-hbiberija ma'l-allegata vittma. Il-Qorti madanakollu ser tqis ukoll il-fedina penali nadifa ta'l-imputat ghalkemm l-imputat jinsab hawn Malta minghajr il-permessi necessarji u l-fatt illi l-imputat ipprova jaghmel uzu tajjeb tal-perijodu ta' zmien illi huwa ghamel taht arrest preventiv fejn anke tghallem jitkellem bil-lingwa Maltija sakemm gew biex jintemmu dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tapplika il-massimu tal-piena.

[4] Ara xhieda ta' Denise Anne Agius a fol.13

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 41((1)(b), 198, 202(f), 207, 209, 86, 87(c)(g) 221(1), 251(1), 17(h) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza kif dedotta, izda issibu hati ta' attentat ta' stupru ai termini ta'l-artikolu 41(1)(b) tal-Kapitolu 9 kif ukoll ta'l-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' ghoxrin xahar prigunerija. Inoltre l-hati qed jigi ikkundannat ihallas l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra ta'l-esperti f'dana il-kaz li ilahhqu is-somma ta' hamest elef, erba mija u tlieta u erbghin euro u sitta u tletin centezmi (€5,443.36).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------